**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**MINUTI 24**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira**

Laqgħa Numru 25 Nhar it- Tnejn 25 ta' Mejju, 2026

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ltaqa' fil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil- 4:30pm.

Preżenti:

- Neville Chetcuti – Sindku
- Ralph Mangion – Viċi Sindku
- Martin Vella – Kunsillier
- Joyce Bray – Kunsilliera
- Jessica Borg – Kunsilliera
- Ryan Sciberras – Kunsillier
- Tania Borg – Kunsilliera

Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):

- Aaron Caruana – Kunsillier
- Joyce Bray – Kunsilliera
- Conrad Borg Manche – Kunsillier

Assenti:

Ħadd

Uffiċjali Preżenti:

Mandy Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

25.2.1 Qari tal-Minuti

Is-Sindku fetaħ is-seduta u talab lill-membri tal-Kunsill sabiex jikkunsidraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru 24. Peress li l-abbozz tal-minuti kien tqassam minn qabel lill-kunsilliera kollha, il-minuti ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Ma saru l-ebda osservazzjonijiet jew emendi mill-membri preżenti, u għalhekk il-minuti ġew ikkunsidrati bħala korretti u kompluti.

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 24 ġew approvati unanimament mill-Kunsill.

**Proposta:** Kunsilliera Tania Borg
**Sekondata:** Kunsillier Ryan Sciberras
**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

## 25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

### 25.3.1 Tiġdid tas-Servizz tan-Notebook Centre

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali rċieva talba għat-tiġdid tas-servizz tan-Notebook Centre. Huwa spjega li kien sodisfatt ħafna bir-rispons pożittiv u bin-numru ta' persuni li għamlu użu minn dan is-servizz matul il-perjodu li għadda. Wara diskussjoni qasira, il-kunsilliera qablu li s-servizz għandu jiġi mġedded sabiex ikompli jkun ta' benefiċċju għar-residenti.

**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

### 25.3.2 Plastic Free July

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kunsill irċieva stedina sabiex jorganizza attività fil-ġnien pubbliku matul il-kampanja "Plastic Free July". Madankollu, ġie spjegat li l-ġnien diġà kien ibbukkjat minn organizzazzjoni mhux governattiva oħra u li fl-istess perjodu kienet se ssir tombla fil-post. Għalhekk ma kienx possibbli li l-attività proposta ssir fil-post indikat.

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni.

### 25.3.3 Talba għal Tourist Souvenir Kiosk

Il-Kunsill irċieva talba sabiex jingħata permess għall-operat ta' kiosk tal-bejgħ ta' souvenirs fi Triq ix-Xatt. Is-Sindku ppreżenta t-talba lill-membri preżenti u ġiet diskussa l-adegwatezza tal-post kif ukoll l-impatt li jista' jkollha fuq iż-żona.

Wara l-kunsiderazzjonijiet meħtieġa, il-Kunsill iddeċieda li ma jagħtix il-permess mitlub.

**Deċiżjoni:** It-talba ma ġietx approvata.

### 25.3.4 Talba minn Gallarija Kitchen għal Outdoor Seating

Il-Kunsill irċieva talba minn Gallarija Kitchen sabiex jingħata permess għal tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet fuq barra tal-istabbiliment fi Triq Belvedere, Gżira, faċċata tal-Azure Hotel.

Is-Sindku ppreżenta d-dettalji tat-talba lill-kunsilliera u saret diskussjoni dwar l-impatt li jista' jkollha fuq il-passaġġ pubbliku u fuq iż-żona tal-madwar. Wara li ġew ikkunsidrati l-aspetti kollha, Il-kunsilliera ma qablitx ma din it-talba.

**Deċiżjoni:** It-talba ma ġietx approvata.

### 25.3.5 Proġett tal-Pumping Station

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali ġie ppreżentat b'opportunità ta' rilokazzjoni jew titjib relatat mal-proġett tal-Pumping Station ladarba dan ikun lest.

Huwa spjega li l-proġett huwa wieħed ta' ċertu kobor u li hu mistenni li jieħu madwar sentejn sabiex jitlesta kompletament. Il-kunsilliera esprimew l-apprezzament tagħhom għall-proġett u qablu li dan se jkun ta' benefiċċju għall-komunità.

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni.

### 25.3.6 Organizzazzjoni ta' BBQ Komunitarju

Il-Kunsill irċieva stedina mingħand l-Għaqda tal-Knisja sabiex, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali, tiġi organizzata BBQ komunitarja fi Triq Carlo Manche.

Ġie spjegat li l-ispiża prevista għal din l-attività hija ta' €551. Il-kunsilliera qablu li jappoġġjaw l-attività u approvaw l-ispiża relatata.

**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

### 25.3.7 Talba għal Tower Crane fi Triq Frederick Ponsonby

Il-Kunsill irċieva talba għall-installazzjoni ta’ tower crane fi Triq Frederick Ponsonby. Ġie spjegat li l-crane huwa mistenni jibqa’ fis-sit sa Settembru 2027.

Il-Kunsill irċieva wkoll il-pjanti u d-dokumenti tekniċi li juru kif se tkun organizzata l-installazzjoni u l-operat tal-crane. Wara li ġew eżaminati d-dettalji kollha, il-kunsilliera qablu mat-talba.

**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

### 25.3.8 Finali tal-Football – Gżira United

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali offra l-appoġġ tiegħu lill-klabb tal-futbol Gżira United għall-finali tal-logħba tal-futbol bejn Gżira United vs Valletta FC.

L-appoġġ kien jinkludi l-provvediment tas-servizzi meħtieġa sabiex l-avveniment ikun organizzat b’mod adegwat. Il-kunsilliera kollha qablu ma’ din l-inizjattiva.

**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

### 25.3.9 Project Green – Gerry Zammit Square

Is-Sindku informa lill-Kunsill li matul il-ġimgħa l-Kunsill irċieva konferma uffiċjali mingħand Project Green li x-xogħlijiet fuq Gerry Zammit Square ser jibdew fil-futur qrib.

Il-kunsilliera laqgħu din l-aħbar b’mod pożittiv u ħadu nota tal-iżvilupp.

## 25.4 Mistoqsijiet u Diskussjonijiet mill-Kunsilliera

### 25.4.1 Ilmenti dwar Storbju fiż-Żona ta’ Dave’s

Il-Viċi Sindku Ralph Mangion informa lill-Kunsill li kien irċieva diversi ilmenti mingħand residenti li joqogħdu fil-viċinanzi ta’ Dave’s. Ir-residenti esprimew it-tħassib tagħhom dwar il-livell għoli ta’ storbju li qed jinħoloq barra l-istabbiliment, partikolarment waqt ċerti ħinijiet tal-ġurnata u tal-lejl.

Ġie nnutat li r-residenti qed iħossu li mhux qed ikun hemm biżżejjed rispett lejn il-kwalità tal-ħajja tagħhom. Il-Kunsill ħa nota tal-ilmenti sabiex jiġu eżaminati aktar.

### 25.4.2 Żieda ta' bins fil-Lokalità

Il-Viċi Sindku Ralph Mangion staqsa jekk hemmx il-possibbiltà li jiżdiedu aktar bins f'diversi żoni tal-lokalità sabiex jitjieb il-livell tal-indafa pubblika.

Il-Kunsill qabel li din il-kwistjoni għandha tiġi eżaminata aktar sabiex jiġu identifikati l-aktar postijiet fejn hemm bżonn ta' bins addizzjonali.

### 25.4.3 Zebra Crossings Ħdejn il-Ġnien

Il-Kunsillier Ryan Sciberras irrefera għal email li l-Kunsill kien irċieva rigward il-possibbiltà li jiġu installati zebra crossings quddiem il-ġnien pubbliku, qrib il-post fejn qabel kien jinsab l-A1 Bar.

Il-Kunsill qabel li l-proposta għandha tiġi studjata aktar mal-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi evalwat jekk il-miżura tistax tittejjeb is-sigurtà tat-triq.

### 25.4.4 Kundizzjoni tas-Siġar fi Triq Sliema

Il-Kunsillier Ryan Sciberras semma wkoll il-kundizzjoni tas-siġar fi Triq Sliema, fejn ġie nnutat li numru minnhom qed juru sinjali ta' deterioramenti u qed imutu.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li ma jsir l-ebda ħlas relatat mal-kuntratt sakemm il-kuntrattur jivverifika u jikkonferma li x-xogħlijiet qed jitwettqu skont il-kundizzjonijiet stipulati fit-tender.

### 25.4.5 Maltese Night

Il-Kunsilliera Jessica Borg informat lill-Kunsill li ser tiġi organizzata attività kulturali bl-isem ta' "Maltese Night" fit-8 ta' Lulju 2026.

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni u laqa' l-inizjattiva b'mod pożittiv.

### 25.5.1 Approvazzjoni tal-Financial Statements

Permezz ta' telefonata virtwali, l-accountant tal-Kunsill, is-Sur Daniel Galea, ikkomunika mal-membri tal-Kunsill u ppreżenta aġġornament dwar il-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali.

Huwa spjega li, kif kien ġie rrappurtat ukoll f'laqgħat preċedenti, il-Kunsill jinsab f'pożizzjoni finanzjarja soda ħafna, b'kontroll tajjeb tal-finanzi u tal-infiq.

Wara li ġew ikkunsidrati l-financial statements, il-kunsilliera approvawhom unanimament.

**Proposta:** Viċi Sindku Ralph Mangion
**Sekondata:** Kunsillier Martin Vella
**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

## 25.6 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlasijiet

L-Iskeda tal-Ħlasijiet Nru 25/9 ġiet ippreżentata lill-Kunsill għall-kunsiderazzjoni u ġiet eżaminata fid-dettall mill-membri preżenti.

Wara l-eżami meħtieġ, il-Kunsill approva l-iskeda tal-ħlasijiet.

**Proposta:** Kunsilliera Martin Vella
**Sekondata:** Kunsillier Ralph Mangion
**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

## 25.7 Tmiem il-Laqgħa

Peress li ma kien hemm l-ebda suġġett ieħor fuq l-aġenda, is-Sindku rringrazzja lill-membri kollha għall-attendenza u l-kontribut tagħhom matul il-laqgħa.

Is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fis-6:00 p.m.

Ġie nnutat li l-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 23 ta' Ġunju 2026, fl-4:30 p.m. fil-boardroom tal-Kunsill Lokali.

**IFFIRMATA:**

| | |
|---|---|
| **Neville Chetcuti** | **Mandy Farrugia** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |